# QORTI KRIMINALI

**Onor. Imħallef Dr. Neville Camilleri**
**B.A., M.A. (Fin. Serv.), LL.D., Dip. Trib. Eccles. Melit.**

**Numru 696/2023/1**

**Ir-Repubbblika ta' Malta**

**vs.**

***Omissis***
***Omissis***
**Donna Sciberras**

Illum id-disgħa (9) ta' Jannar 2025

Il-Qorti,

Rat l-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tal-akkużati *OMISSIS, OMISSIS,* u **Donna Sciberras** (li kienet miżżewġa Donna Borg, detentriċi tal-Karta tal-Identita' bin-Numru 358094(M)), akkużati quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' fil-għaxija (18:00hrs) u t-tmienja ta' fil-għaxija (20:00hrs) f'Carabott Jewellers, Triq Dun Ġużepp Zammit, Żurrieq u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

1. dolożament, bil-ħsieb li joqtlu persuna jew li jqiegħdu l-ħajja tagħha f'periklu ċar u ċioè ta' Joseph Carabott, wrew dan il-ħsieb b'atti esterni u taw bidu għall-esekuzzjoni ta' tali delitt, liema delitt ma ġiex esegwit minħabba xi ħaġa aċċidentali u indipendenti mill-volontà tagħhom;

2. fl-istess data, lok, u ċirkostanzi kkaġunaw ħsara fil-ġisem jew fis-saħħa, u ċioè offiża ta' natura gravi fuq il-persuna ta' Joseph Carabott, liema offiża giet magħmula b'arma regolari u/jew bi strument li jaqta' jew iniggeż;

3. fl-istess data, lok, u ċirkostanzi, bla ordni skont il-liġi tal-awtorità kompetenti, u barra mill-każijiet li fihom il-liġi tagħti s-setgħa lill-privat li jarresta lill-ħati, arrestaw, żammew jew issekwestraw lil Joseph Carabott kontra l-volontà tiegħu, liema delitt sar bħala mezz sabiex Joseph Carabott ġie offiż fuq il-persuna tiegħu jew mhedded bil-mewt u/jew bil-ħsieb ta' estorsjoni ta' flus jew ħwejjeġ oħra jew biex persuna oħra tkun imġiegħla taċċetta li tagħmel xi trasferiment ta' ħwejjiġha;

4. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ikkommettew serq, fosthom ta' ġojjelerija, flus u/jew affarijiet oħra bi ħsara ta' Joseph Carabott u/jew persuni oħra, liema serq huwa kkwalifikat bil-vjolenza liema vjolenza kienet diretta kontra persuna li għalqet l-eta ta' sittin sena u bil-valur liema valur huwa iżjed minn elfejn tliet mija u disgħa u għoxrin Euro u sebgħa u tletin ċenteżmu (€2,329.37);

5. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, b'mezzi xort'oħra volontarjament ħassru, għamlu ħsara jew għarrqu ħwejjeg ħaddiehor mobbli jew immobbli, liema ammont tal-ħsara huwa iżjed minn elfejn u ħames mitt Euro (€2,500);

6. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, filwaqt li kienu qegħdin jagħmlu delitt kontra l-persuna, kellhom fuq il-persuni tagħhom arma regolari u/jew imitazzjoni ta' arma regolari;

7. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, ġarrew 'il barra minn xi fond jew id-dintorni tiegħu xi sikkina jew strument li jaqta' jew bil-ponta ta' liema xorta jkun mingħajr ma kellhom liċenzja jew permess mingħand il-Kummissarju tal-Pulizija;

u akkużati wkoll flimkien talli nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Manwel Dimech Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

8. m'obdewx l-ordnijiet leġittimi tal-awtorità jew ta' wieħed li jkun nkarigat minn servizz pubbliku, jew ma ħallewx jew fixklu waqt li kien qed jagħmel id-dmirijiet tiegħu, jew b'xi mod ieħor, bla jedd, indaħlu fi dmiru, billi ma ħallewx lil ħaddieħor jagħmel dak li b'liġi jkun ordnat jew jista' jagħmel jew billi ġab fix-xejn jew ħassar dak li ħaddieħor kien għamel skont il-liġi;

<u>Lil Donna Sciberras (li kienet miżżewġa bħala Donna Borg)</u> waħidha akkużata wkoll talli nhar il-ħamsa u għoxrin (25) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) għall-ħabta ta' bejn is-sitta ta' fil-għaxija (18:00hrs) u t-tmienja ta' fil-għaxija (20:00hrs) f'Carabott Jewellers, Triq Dun Ġużepp Zammit, Żurrieq u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer u/jew nhar is-sebgħa u għoxrin (27) ta' Awwissu tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) ġewwa Triq Manwel Dimech, Sliema u/jew fi bnadi oħra f'dawn il-Gżejjer:

9. naqset li tosserva xi kondizzjoni mposta fuqha mill-Qorti tal-Maġistrati (Malta) (mill-Maġistrat Dott. Astrid May Grima), fid-digriet tagħha datat sitta (6) ta' Lulju tas-sena elfejn u tlieta u għoxrin (2023) u li bih ingħatat il-ħelsien mill-arrest, billi waqt li kienet meħlusa mill-arrest ikkommettiet delitt li ma kienx wieħed ta' natura involontarja;

10. fl-istess data, lok u ċirkostanzi, irrendiet ruħha reċidiva *ai termini* ta' Artikoli 49 u 50 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, u dan b'sentenzi tal-Qorti tal-Maġistrati li saru definittivi u li ma jistgħux jinbidlu.

Il-Qorti ġiet mitluba sabiex, f'każ ta` ħtija, barra milli tinfliġġi l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza jew f'kull ordni ieħor wara, tikkundanna l-ħati jew ħatjin għall-ħlas, lir-Reġistratur, tal-ispejjeż kollha jew ta' parti mill-ispejjeż li jkollhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' esperti jew periti fil-proċeduri, f'dak iż-żmien u f'dak l-ammont bħalma jkun ġie stabbilit fis-sentenza jew fl-ordni, u dan skond kif ikkontemplat f'Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex, f'każ ta' ħtija, barra milli tapplika l-piena skont il-liġi, meta tagħti s-sentenza tordna lil-ħati sabiex jirrestitwixxi lil parti offiża kull ħaġa minnu misruqa bi ħsara ta' dik il-parti bi jew permezz tar-reat jew li jħallas lil dik il-parti ammont ta' flus kif jista' jiġi stabbilit mill-Qorti bħala kumpens għal dak it-telf kif imsemmi jew għal xi danni jew offiża jew ħsara oħra u dan *ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta.

Il-Qorti ġiet mitluba wkoll toħroġ Ordni ta' Protezzjoni *ai termini* ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kemm waqt il-mori tal-kawża kif ukoll f'każ ta' ħtija ma' kull piena li l-Qorti jidhrilha xierqa.

Finalment, il-Qorti ġiet mitluba wkoll sabiex tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-imputata Donna Sciberras, tarresta mill-ġdid lill-imputata kif ukoll tirrevoka l-garanzija personali li fuqha kienet ingħatat il-ħelsien mill-arrest.

Rat l-atti proċesswali kollha, kemm dawk miżmuma quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u kif ukoll dawk miżmuma quddiem din il-Qorti.

Rat il-verbal tas-seduta miżmuma fil-11 ta' Novembru 2024 quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fejn, fost l-oħrajn, l-akkużata Donna Sciberras irreġistrat ammissjoni għall-imputazzjonijiet miġjuba fil-konfront tagħha, liema ammissjoni hija kkonfermata wara li l-Qorti msemmija spjegat in-natura tal-imputazzjonijiet, il-piena li jġorru u l-konsegwenza tal-

ammissjoni tagħha u wara li tagħtha żmien sabiex terġa' tikkunsidra l-istess ammissjoni

Rat in-Nota tal-Avukat Ġenerali ppreżentata fil-21 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 1713) li permezz tagħha, f'isem ir-Repubblika ta' Malta, qal is-segwenti:

> "Jiddikjara li huwa rċieva kopja skenjata tal-Atti tal-Kumpilazzjoni fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. *Omissis* u *Omissis* u Donna Sciberras (li kienet miżżewwġa bħala Donna Borg)** nhar l-erbatax (14) ta' Novembru tas-sena elfejn, erbgħa u għoxrin (2024) u dan wara li l-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja ordnat li l-esponent jingħata aċċess bil-mezzi elettroniċi għal kopja skenjata tal-atti tal-kumpilazzjoni *ai termini* ta' Artikolu 392B tal-Kodiċi Kriminali u dan stante li l-imputata **Donna Sciberras (li kienet miżżewwġa bħala Donna Borg)** fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) stqarret li hija ħati tar-reati li bihom ġiet akkużata, liema reati huma soġġetti għal piena ta' aktar minn tnax-il sena priġunerija.
>
> Jiddikjara wkoll, *ai termini* tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-imputazzjonijiet kif addebitati lill-imputata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u li għalihom l-imputata irreġistrat l-ammissjoni fuq imsemmija, **għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża għall-finijiet u effetti kollha tal-liġi**."

Rat ir-Rikors konġunt tal-Avukat Ġenerali u tal-akkużata Donna Sciberras ippreżentat fid-29 ta' Novembru 2024 (*a fol.* 1714) fejn ingħad is-segwenti:

> "Illi l-esponenti jiddikjaraw illi fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn erbgħa u għoxrin (2024) quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja, l-imputata qua akkużata stqarret li hija ħatja

tar-reati li bihom ġiet akkużata u dan *ai termini* tal-Artikolu 392B(1) tal-Kodiċi Kriminali.

Illi permezz ta' nota datata wieħed u għoxrin (21) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024), l-Avukat Ġenerali ddikjara *ai termini* tal-Artikolu 392B(2) tal-Kodiċi Kriminali, illi l-imputazzjonijiet addebitati lill-imputata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati bħala Qorti Istruttorja u li għalihom ammettiet l-imputata qua akkużata fis-seduta ta' nhar il-ħdax (11) ta' Novembru tas-sena elfejn u erbgħa u għoxrin (2024) għandhom jitqiesu bħala Att ta' Akkuża ai fini u effetti kollha tal-liġi.

Illi tenut kont ta' tali ammissjoni u b'referenza għad-disposizzjonijiet tal-Artikolu 392B(5)(a) tal-Kodiċi Kriminali r-rikorrenti jiddikjaraw li qegħdin jaqblu li l-piena li għandha tiġi nflitta fuq l-akkużata Donna Sciberras (li kienet miżżewwġa bħala Donna Borg) minn din l-Onorabbli Qorti għandha tkun waħda ta' priġunerija effettiva għal perjodu ta' tmienja u għoxrin (28) sena, flimkien ma' multa ta' mija u sittax il-Ewro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47) inkluż l-applikazzjoni tal-Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, kif ukoll il-konfiska favur il-Gvern ta' Malta tad-depożitu u tal-garanzija personali, u dan oltre kwalsiasi sanzjoni, spejjeż u/jew konsegwenza oħra mandatorja konsegwenzjali għad-dikjarazzjoni u sejbien ta' ħtija *ai termini* tal-Kapitoli 9 u 480 tal-Liġijiet ta' Malta."

Rat illi din il-Qorti appuntat il-kawża għas-smiegħ għas-seduta ta' tal-10 ta' Diċembru 2024.

Semgħet, fis-seduta tal-10 ta' Diċembru 2024, lill-konsulenti legali preżenti fl-awla jiddikjaraw li l-Qorti setgħet tgħaddi għas-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi fis-seduta miżmuma quddiem din il-Qorti fl-10 ta' Diċembru 2024 l-akkużata Donna Sciberras infurmat lil din il-Qorti li kienet konxja tal-konsegwenzi tal-ammissjoni ta' ħtija tagħha hekk kif reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja. Apparti minn dan, l-akkużata msemmija nfurmat lil din il-Qorti li kienet qed taqbel ma' dak li hemm imniżżel fir-Rikors konġunt tagħha u tal-Avukat Ġenerali liema Rikors ġie ppreżentat fid-29 ta' Novembru 2024 u hija nfurmat wkoll lil din il-Qorti li kienet qed taqbel mal-piena hemm imsemmija.

**Ikkunsidrat**

Illi fid-dawl tal-ammissjoni reġistrata u sussegwentement ikkonfermata mill-akkużata Donna Sciberras quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja fil-11 ta' Novembru 2024, din il-Qorti tiddikjara lill-akkużata msemmija ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba kontra tagħha u li ġew elenkati aktar 'il fuq f'din is-sentenza.

**Ikkunsidrat**

Illi dwar il-piena li għandha tiġi erogata minn din il-Qorti fil-konfront tal-akkużata Donna Sciberras għall-imputazzjonijiet addebitati lilha, din il-Qorti ser tieħu in konsiderazzjoni diversi fatturi, fosthom:

- il-fedina penali tal-akkużata (*a fol.* 15 *et seq.*) illi hija waħda refrattarja;
- l-ammissjoni tagħha hekk kif reġistrata quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja;
- in-natura serja tal-imputazzjonijiet addebitati fil-konfront tal-akkużata.

Illi b'żieda ma' dak li ngħad hawn fuq, din il-Qorti tagħmel riferenza għas-sentenza fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. *Omissis* u Alessandro Giuseppe Gandolfo** (Niumru 4/2017) fejn il-Qorti Kriminali saħqet li fir-rigward tal-piena nflitta meta persuna tagħmel ammissjoni bikrija l-ġurisprudenza lokali kif ukoll dik ta' barra minn xtutna fasslu l-linji gwida li l-Qorti għandha ssegwi liema linji gwida huma ndikati, fost l-oħrajn, fis-sentenza mogħtija mill-Qorti Kriminali fl-24 ta' Frar 1997 fl-ismijiet **Ir-Repubblika ta' Malta vs. Nicholas Azzopardi** u fis-sentenza fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** mogħtija mill-Qorti tal-Appell Kriminali fis-17 ta' Lulju 2002 kif ukoll il-Blackstone's "Criminal Practice" (Blackstone Press Limited 2001 Edit).

Illi fis-sentenza hawn fuq imsemmija fl-ismijiet **Il-Pulizija vs. Emmanuel Testa** (Numru 152/2002) mogħtija fis-17 ta' Lulju 2002, il-Qorti tal-Appell Kriminali qalet hekk:

> "8. [...] Ir-<u>regoli ġenerali</u> li għandhom jigwidaw lill-qrati meta jkun hemm ammissjoni ġew imfissra mill-Qorti Kriminali fis-sentenza preliminari tagħha tal-24 ta' Frar, 1997 fl-ismijiet ***Ir-Repubblika ta' Malta v. Nicholas Azzopardi***, u dan b'referenza għall-prassi fil-Qrati Ingliżi. F'dik is-sentenza kienet saret referenza għal bran mill-edizzjoni tal-1991 ta' **Blackstone's Criminal Practice** (Blackstone Press Limited). Din il-Qorti ser tirriproduċi il-bran relevanti mill-edizzjoni tal-2001 ta' dan il-manwal, u dan peress li hija taqbel mal-principji espressi f'dana l-bran u qed tagħmilhom tagħha[1]:
>
>> "Although this principle [that the length of a prison sentence is normally reduced in the light of a plea of guilty] is very well established, the extent of the appropriate 'discount' has never

[1] "S'intendi, dan kollu li ser jingħad huwa bla preġudizzju għal dawk id-disposizzjonijiet tal-liġi li jipprovdu għal tnaqqis fil-piena meta javveraw ruħhom ċerti ċirkostanzi espressament imsemmija fl-istess disposizzjonijiet: eż. l-Artikoli 89, 200(1) u 337 tal-Kodiċi Kriminali, jew l-Artikolu 29 tal-Ordinanza dwar il-Mediċini Perikolużi (Kap. 101)."

been fixed. In *Buffery* (1992) 14 Cr. App. R. (S) 511 Lord Taylor CJ indicated that 'something in the order of one-third would very often be an appropriate discount', but much depends on the facts of the case and the timeliness of the plea. In determining the extent of the discount, the court may have regard to the strength of the case against the offender. An offender who voluntarily surrenders to the police and admits a crime which could not otherwise be proved may be entitled to more than the usual discount (*Hoult* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 180; *Claydon* (1993) 15 Cr. App. R. (S) 526) and so may an offender who, as well as pleading guilty himself, has given evidence against a co-accused (*Wood* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 347) and/or given significant help to the authorities (*Guy* [1992] 2 Cr. App. R. (S) 24). Where an offender has been caught red-handed and a guilty plea is inevitable, any discount may be reduced or lost (*Morris* (1988) 10 Cr. App. R. (S) 216; *Landy* (1995) 16 Cr. App. R. (S) 908). Occasionally the discount may be refused or reduced for other reasons, such as where the accused has delayed his plea in an attempt to secure a tactical advantage (*Hollington* (1985) 82 Cr. App. R. 281; *Okee* [1998] 2 Cr. App. R. (S) 199). Similarly, some or all of the discount may be lost where the offender pleads guilty but adduces a version of facts at odds with that put forward by the prosecution, requiring the court to conduct an inquiry into the facts (*Williams* (1990) 12 Cr. App. R. (S) 415. The leading case in this area is *Costen* (1989) 11 Cr. App. R. (S) 182, where the Court of Appeal confirmed that the discount might be lost in any of the following circumstances: (i) where the protection of the public made it necessary that a

> long sentence, possibly the maximum sentence, be passed; (ii) cases of 'tactical plea', where the offender delayed his plea until the final moment in a case where he could not hope to put up much of a defence, and (iii) where the offender had been caught red-handed and a plea of guilty was practically certain. It was also established in *Costen* that the discount may be reduced where the accused pleads guilty to specimen counts. In *Byrne* [1997] 1 Cr. App. R. (S) 165 it was held that an offender who had absconded and remained at large for 19 months was not entitled to expect a discount for his guilty plea when he pleaded guilty after being re-arrested.""

Illi filwaqt li huwa minnu li f'dan il-każ li għandha quddiemha din il-Qorti l-ammissjoni tal-akkużata Donna Sciberras ma saritx fil-bidu nett tal-proċeduri kontra tagħha, pero' fl-istess waqt ma jistax jiġi njorat il-fatt li hija ammettiet meta l-proċeduri kienu għadhom qed jinstemgħu quddiem il-Qorti tal-Maġistrati (Malta) bħala Qorti Istruttorja u meta kien għadu ma nħariġx l-Att ta' Akkuża fil-konfront tagħha.

**Ikkunsidrat**

Illi meħud in konsiderazzjoni dak kollu li ngħad hawn fuq din il-Qorti tqies li għandha taderixxi mal-piena kif patteġġjata bejn l-Avukat Ġenerali u l-akkużata Donna Sciberras fir-Rikors konġunt tagħhom li ġie ppreżentat fid-29 ta' Novembru 2024, liema piena jiriżulta li hija waħda fil-parametri tal-liġi.

**Decide**

Għal dawn il-motivi, il-Qorti, wara li rat

Artikoli 41(1)(a), 49, 50, 86, 87(1)(e), 211(2), 214, 216(1)(a), 217, 261(a), 261(c), 262(1), 267, 276A, 325(1)(a), 338(ee) u 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta u

Artikoli 6 u 55 tal-Kapitolu 480 tal-Liġijiet ta' Malta,

issib lill-akkużata Donna Sciberras ħatja tal-imputazzjonijiet kollha miġjuba fil-konfront tagħha u tikkundannaha għal perjodu ta' tmienja u għoxrin (28) sena priġunerija u kif ukoll għall-ħlas ta' multa ta' mija u sittax il-Euro u sebgħa u erbgħin ċenteżmu (€116.47).

Il-Qorti tiddikjara li l-akkużata kisret il-kundizzjonijiet imsemmija fid-digriet tal-Qorti tal-Maġistrati (Malta) ippreseduta mill-Maġistrat Dr. Astrid May Grima fid-digriet tagħha tas-6 ta' Lulju 2023[2] meta ngħatat il-ħelsien mill-arrest u konsegwentament *ai termini* ta' Artikolu 579 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta tordna l-konfiska tad-depożitu li sar fl-ammont ta' mitejn u ħamsin Euro (€250) fir-Reġistru tal-Qorti u li tħallas il-garanzija personali ta' għaxart elef Euro (€10,000) skont l-istess digriet u dan a favur tal-Gvern ta' Malta. B'żieda ma' dan, din il-Qorti qed tirrevoka l-ħelsien mill-arrest tal-akkużata Donna Sciberras meta hija ngħatat il-ħelsien mill-arrest fis-6 ta' Lulju 2023 u tordna l-arrest mill-ġdid tagħha.

B'applikazzjoni ta' Artikolu 412Ċ tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tqiegħed lill-ħatja taħt Ordni ta' Protezzjoni fil-konfront ta' Joseph Carabott għall-perjodu ta' ħames (5) snin mil-lum skont id-Digriet anness ma' din is-sentenza.

*Ai termini* ta' Artikolu 533 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, il-Qorti tordna lill-ħatja tħallas terz tal-ispejjeż li għandhom x'jaqsmu mal-ħatra ta' l-esperti f'dawn il-proċeduri (liema spejjeż komplessivament jammontaw għas-somma ta' tmienja u tletin elf, disa' mija u tlieta u disgħin Euro u ħmistax il-ċenteżmu

[2] *A fol.* 1393.

(€38,939.15)[3]) biex b'hekk l-akkużata għandha tħallas is-somma ta' tnax-il elf, disa' mija u disgħa u sebgħin Euro u tnejn u sebgħin ċenteżmu (€12,979.72) u dan fi żmien sentejn mil-lum u fin-nuqqas li tħallas l-ammont imsemmi fit-terminu lilha mogħti, dan l-ammont għandu jiġi kkonvertit f'perjodu ta' priġunerija addizzjonali.

*Ai termini* ta' Artikolu 15A tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta, bħala kumpens lill-parti offiża Joseph Carabott għall-offiżi lilu kawżati, il-Qorti tordna lill-akkużata Donna Sciberras tikkumpensah fl-ammont ta' tmint elef Euro (€8,000). Din l-ordni għandha l-istess forza u effett u għandha tkun eżegwibbli bl-istess mod bħallikieku ngħatat f'kawża ċivili bejn l-akkużata u l-parti offiża.

Finalment, il-Qorti tordna il-konfiska tal-oġġetti kollha li ġew eżebiti f'dawn il-proċeduri a favur tal-Gvern ta' Malta *ai termini* ta' Artikolu 23 tal-Kapitolu 9 tal-Liġijiet ta' Malta ġialadarba jirriżulta li ntużaw bħala l-*corpus delicti* tar-reati u ġialadarba jkunu ntemmu l-proċeduri fil-konfront tal-persuni l-oħra li kienu akkużati flimkien mal-akkużata Donna Sciberras.

| | |
|---|---|
| **Onor. Dr. Neville Camilleri** | **Alexia Attard** |
| **Imħallef** | **Deputat Reġistratur** |

[3] Dr. Mario Scerri (€955.50) (Dok. "MS 1" (Vol. II) – *a fol.* 349); PC 1491 Kurt Attard (€572.36) (Dok. "RB 1" (Vol. II) – *a fol.* 363); Perit Richard Aquilina (€324.26) (Dok. "RA" (Vol. III) – *a fol.* 508); Dr. Marisa Cassar (€22,130.90) (Dok. "MC" (Vol. III) – *a fol.* 574); Dr. Martin Bajada (€1,563.50) (Dok. "MB" (Vol. III) – *a fol.* 593); PS 586 Mario Azzopardi u Uffiċjal Ċivili Gabriella Vella (€1,988.70) (Dok. "AV" (Vol. III) – *a fol.* 678); PS 844 Carl Micallef (€789.80) (Dok. "CM" (Vol. V) – *a fol.* 726); Renato Zampa (€5,305.87) (Dok. "RZ" (Vol. V) – *a fol.* 761 *tergo*); Max Xuereb (€606.60) (Vol. VI – *a fol.* 1318); Dr. Mario Scerri (€304.80) (Dok. "MS 2" (Vol. VI) – *a fol.* 1372); Joseph Mallia (€4,396.86) (Dok. "JM" (Vol. VII) – *a fol.* 1510).